# Ir-razza tal-Maestro Dirjanu Lanzon

## *u l-kunjom Lanzon fir-Rabat*

Toni Farrugia

**Xi ftit tas-snin ilu kitbuli żewġ dixxendenti ta' Dirjanu Lanzon (1820–1894), vjolinist, direttur ta' orkestra li waqqaf hu stess; u minn żmien għal żmien *Maestro di Cappella* tal-Katidral. Dawn id-dixxendenti mill-Istati Uniti talbuni ngħinhom jagħmlu l-arblu tar-razza. Kienu konxji li l-antenat tagħhom kellu sehem fit-twaqqif ta' banda u li din kellha teatru fir-Rabat. Ġieni l-ħsieb li naqsam l-arblu tar-razza li għamilt lil dawn id-dixxendenti ta' Dirjanu Lanzon mal-qarrejja ta' *Il-Għid tal-Assunta*.**

### 1 • Ir-razza Lanzon

Ir-razza *Ta' Lanzon* tnisslet f'Għawdex minn Ignatius Lanzon meta żżewweġ lil Anna Galea fil-knisja ta' San Ġorġ fis-06/02/1792. Aktarx li wara ż-żwieġ Ignatius Lanzon u Anna Galea marru jgħixu fl-Isla u mbagħad irritornaw lura f'Għawdex fl-1796.

Wasalt għal din il-konklużjoni għaliex bejn l-1792 u l-1796 ma kellhom ebda wild mgħammed f'Għawdex, u fil-fatt m'għandniex id-data tal-magħmudija ta' binhom Joachim, li huwa missier Dirjanu. Joachim kien l-uniku wild maskili tal-koppja Ignatius u Anna, u għalhekk kull min f'Għawdex għandu l-kunjom Lanzon fil-familja huwa mnissel minn din il-koppja.

Ignatius Lanzon kien mill-Isla u missieru Joachim iżżewweġ lil Rosa Mifsud fl-Isla fis-16/04/1741. Dan kien l-ewwel żwieġ li sibt fl-arblu tar-razza ta' Dirjanu Lanzon minn fuq il-websajt ġeneoloġika *geneanum.com* u allura dan Joachim jew missieru Domenicus jista' jkun li ġew minn barra. Din hija biss spekulazzjoni min-naħa tiegħi mingħajr ebda bażi dokumentata u jista' jkun li jien żbaljat fil-konklużjoni tiegħi. Minn fuq din l-istess websajt wieħed jinnota li ż-żwiġijiet taħt il-kunjom Lanzon mill-1621 sal-1755 saru kollha fil-Kottonera, ħlief wieħed.




Il-kunjom Lanzon, skont l-istudjuż Mario Cassar, jista' jkun forma mqassra tal-kunjom Taljan Lanzone jew Lanzoni u, aktarx, li dan ġej mill-kelma Latina *lancea* li tfisser *lanza*. L-istemma araldika (bl-Ingliż *coat-of*-arms) ta' Lanzon hija faxxa bajda djagonali mix-xellug għal-lemin (*dexter* f'terminoloġija araldika), taqsam sfond ikħal fuq u sfond dehbi isfel.

*Riferenzi*

Charles Cassar, *The surnames of the Maltese Islands: an etymological dictionary*, San Ġwann/Malta 2003.

Charles A. Gauci, *An illustrated collection of the Coat-of-Arms of Maltese Families*, San Ġwann/Malta 1996.

# 2 • L-Arblu tar-razza Lanzon



| Wild ta' IGNATIUS LANZON (L-Isla) + ANNA GALEA (San Ġorġ 06/02/1792) (mhux kompluta) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| MAGĦMUDIJA | WILD | ŻWIEĠ | | | MEWT |
| | | Data | Parroċċa | Għarus/a | |
| circa 1794 | Joachim | 07/04/1812 | San Ġorġ | Mercieca Fortunata | 17/07/1865 |
| 09/09/1796 | Catherina - Maria - Rosa - Pasca | 12/04/1822 | Matrice | Pace FranciscuS | |
| 25/01/1799 | Maria - Paula - Catharina | 12/02/1828 | San Ġorġ | Saliba Joseph | |
| 17/10/1802 | Vincentia - Teresia - Maria - Paula | | | Di Giovanni Jacobus | 18/03/1883 |

| Wild ta' JOACHIM LANZON + FORTUNATA MERCIECA (San Ġorġ 07/04/1812) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| MAGĦMUDIJA | WILD | ŻWIEĠ | | | MEWT |
| | | Data | Parroċċa | Għarus/a | |
| 22/01/1813 | MariaAnna - Veneranda - Vincentia | 26/11/1933 | Matrice | Farrugia Vincentius | 05/09/1875 |
| 01/09/1814 | Josepha - Maria - Antonia | | | | 17/11/1814 |
| 14/09/1815 | Antonia - Paula - Pascha | 26/11/1831 | Matrice | Cremona Joseph | |
| 26/05/1817 | Andreas - Fortunatus - Joseph | 19/09/1837 | San Ġorġ | Mifsud Maria | |
| 09/09/1818 | Josepha - Carmela - Letterina | | | | 30/05/1819 |
| 15/02/1820 | ADRIANUS - Carolus - Isidorus | 14/08/1846 | San Ġorġ | Maurin Magdaline | 07/06/1894 |
| 28/08/1821 | Dionysius - Augustinus - Joseph | | | | |
| 06/02/1823 | Rosina - Catharina - Modesta | | | | 29/03/1824 |
| 31/10/1824 | Ignatia - Catharina - Litterina | 27/08/1851 | San Ġorġ | D'Alfonso Felix | |
| 01/05/1826 | Franciscus - Ignatius - Clemens | | | | 11/02/1829 |
| 27/04/1828 | Catharina - Josepha - Clementia | 18/11/1850 | San Ġorġ | Agius Fidelis | |
| 14/07/1830 | Ignatius - Franciscus - Salvator | 18/05/1852 | San Ġorġ | Scicluna Vincentia | 13/09/1896 |
| 26/01/1832 | Francisca - Rosa | | | | 01/12/1933 |
| 17/03/1833 | Francisca - Clara - Josepha | 22/08/1855 | San Ġorġ | Genovese Salvator | |
| 30/06/1835 | Carmela - Joanna - Aloysia | 18/01/1851 | San Ġorġ | Debattista Georgius | |
| 28/02/1840 | Josepha - Dionysia - Maria Rosa | | | | |

| Wild ta' ADRIANUS LANZON + MAGDALENE MAURIN (San Ġorġ 14/08/1846) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| MAGĦMUDIJA | WILD | ŻWIEĠ | | | MEWT |
| | | Data | Parroċċa | Għarus/a | |
| 23/03/1848 | Joseph - Marius - Achilles | 26/11/1867 | San Ġorġ | Attard Angela | |
| 08/08/1849 | Joseph - Joachim - Ambrosius | | | | 01/08/1850 |
| 29/03/1851 | Maria Dolores - Maria Anna - Francisca | 07/02/1872 | San Ġakbu | Ballucci Thomas | 03/03/1929 |
| 08/07/1852 | Fortunata - Cecilia - Joachina | | | | 03/09/1865 |
| 25/12/1853 | Emmanuela - Maria - Josepha | | | | 07/01/1854 |
| 16/03/1855 | Eustachia - Maria - Vincentia | | | | 06/11/1855 |
| 21/08/1856 | Salvator - Daniel - Michael | | | | 19/01/1858 |
| 09/04/1959 | Maria Dolores - Jesualda - Aloysia | 19/06/1883 | San Ġakbu | Cauchi Maurice | 15/12/1939 |
| 30/04/1861 | Joachina - Evangelista - Fortunata | 18/11/1882 | San Ġakbu | Theuma George | 18/11/1941 |
| 29/03/1864 | Fortunata - Maria Dolores - Agatha | 31/07/1884 | Santu Wistin | Saliba Michael Angelus | 10/07/1946 |
| 04/05/1867 | Salvator - Joseph - Paulus | | | | 02/07/1868 |
| 12/03/1870 | Paulus - Aloysius - Franciscus | 03/06/1890 | San Ġakbu | Mercieca Therese | 04/04/1959 |